KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TANCHEV
ippreżentati fis-26 ta' Marzu 2020[1]

**Kawża C-249/19**

**JE**
**vs**
**KF**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul Bucureşti (il-Qorti tal-Muniċipalità ta' Bukarest, ir-Rumanija))

"Talba għal deċiżjoni preliminari – Regolament UE Nru 1259/2010 – Kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali – Determinazzjoni tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali – Artikolu 10 – Applikazzjoni tal-liġi tal-forum – Interpretazzjoni tal-frażi 'ma tipprevedix id-divorzju' – Kriterji għall-evalwazzjoni – Interpretazzjoni stretta jew wiesgħa"

1. Fir-rinviju tagħha għal deċiżjoni preliminari, it-Tribunalul Bucureşti (il-Qorti tal-Muniċipalità ta' Bukarest, ir-Rumanija) titlob l-interpretazzjoni tal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1259/2010[2], dispożizzjoni li għadha ma ġietx interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja[3]. Il-kawża prinċipali tirrigwarda tilwima bejn JE u KF dwar id-determinazzjoni tal-liġi applikabbli għall-proċedura tagħhom ta' divorzju. Dan ir-regolament, l-ewwel strument tad-dritt privat internazzjonali fl-istorja tal-Unjoni Ewropea li ġie adottat taħt il-proċedura ta' "kooperazzjoni msaħħa", huwa deskritt mill-kummentaturi legali bħala storja ta' suċċess u bħala wieħed li jikkostitwixxi l-pedament tad-dritt futur tal-Unjoni dwar il-familja[4]. Ir-Rumanija hija wieħed mis-sbatax-il Stat Membru li jipparteċipaw f'din il-kooperazzjoni msaħħa.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Regolament tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2010 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali (ĠU 2010, L 343, p. 10, magħruf ukoll bħala r-"Regolament Ruma III").

3 Għandu jingħad li l-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tiddeċiedi dwar din id-dispożizzjoni fil-kawżi li taw lok għad-digriet tat-12 ta' Mejju 2016, Sahyouni (C-281/15, EU:C:2016:343), u għas-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Sahyouni (C-372/16, EU:C:2017:988). Fid-digriet imsemmi l-ewwel, il-Qorti tal-Ġustizzja, madankollu, iddikjarat li ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tagħti risposta għad-domandi magħmula u, fis-sentenza msemmija l-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kinitx mitluba tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni. Ara wkoll in-nota ta' qiegħ il-paġna 12 ta' dawn il-konklużjonijiet.

4 Għall-parti l-kbira tal-Istati parteċipanti, ir-regolament ġab miegħu mill-inqas żewġ bidliet fundamentali: l-introduzzjoni tal-awtonomija tal-partijiet, minn naħa, u s-sostituzzjoni tar-residenza abitwali minflok in-nazzjonalità, min-naħa l-oħra, bħala l-fatturi primarji ta' rabta li huma rilevanti fl-assenza ta' klawżola dwar l-għażla kuntrattwali ta' liġi. Ara Basedow, J., *European Divorce Law*: *Comments on the Rome III Regulation*, f'Verbeke, A.-L., Scherpe, J.M., Declerck, C., Helms, T. u Senaeve, P., *Confronting the Frontiers of Family and Succession Law – Liber Amicorum Walter Pintens*, Intersentia, 2012, p. 150.

## I. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

*1. Ir-Regolament (KE) Nru 2201/2003*

2. L-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament Nru 2201/2003[5] jipprevedi:

"Fi kwistjonijiet dwar id-divorzju, is-separazzjoni legali jew l-annullament taż-żwieġ, il-ġurisdizzjoni ħa taqa' taħt il-kompetenza ta' l-qrati ta' l-Istat Membru:

[…]

(b) dwar in-nazzjonalità taż-żewg konjuġi jew, fil-każ tar-Renju Unit u l-Irlanda, dwar 'id-domiċilju' taz-żewġ konjuġi."

*2. Ir-Regolament (UE) Nru 1259/2010*

3. L-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1259/2010[6], intitolat "Għażla tal-liġi applikabbli mill-partijiet", jipprevedi:

"1. Il-konjuġi jistgħu jiftiehmu li jagħżlu l-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali sakemm hija tkun waħda mil-liġijiet li ġejjin:

(a) il-liġi tal-Istat fejn il-konjuġi ikunu abitwalment residenti fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim, jew

(b) il-liġi tal-Istat fejn il-konjuġi kienu abitwalment residenti l-aħħar, sa fejn wieħed minnhom ikun għadu residenti hemm fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim, jew

(c) il-liġi tal-Istat taċ-ċittadinanza ta' xi wieħed mill-konjuġi fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim, jew

(d) il-liġi tal-forum.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, ftehim li jagħżel il-liġi applikabbli jista' jiġi konkluż u modifikat fi kwalunkwe mument, iżda mhux aktar tard mill-mument meta jinġieb il-każ quddiem il-qorti.

3. Jekk il-liġi tal-forum tipprevedi hekk, il-konjuġi jistgħu jagħżlu wkoll il-liġi applikabbli quddiem il-qorti waqt il-proċedimenti. F'dak il-każ, tali għażla għandha tiġi rreġistrata fil-qorti taħt il-liġi tal-forum."

5 Regolament tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243, rettifika fil-ĠU 2013, L 82, p. 63, magħruf ukoll bħala r-"Regolament Brussell IIa").

6 Regolament tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2010 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali (ĠU 2010, L 343, p. 10).

4. L-Artikolu 8 ta' dan ir-regolament, intitolat "Liġi applikabbli fin-nuqqas ta' għażla mill-parijiet", jipprevedi dan li ġej:

"Fin-nuqqas ta' għażla taħt l-Artikolu 5, id-divorzju u s-separazzjoni legali għandhom ikunu suġġetti għal-liġi tal-Istat:

(a) fejn il-konjuġi jkunu residenti abitwali fiż-żmien li jinġieb il-każ quddiem il-Qorti; jew, fin-nuqqas ta' dan,

(b) fejn il-konjuġi kienu residenti abitwali l-aħħar, sakemm il-perijodu ta' residenza ma ntemmx aktar minn sena qabel li nġieb il-każ quddiem il-Qorti, sa fejn wieħed mill-konjuġi jkun għadu jirrisjedi f'dak l-Istat fiż-żmien meta jinġieb il-każ quddiem il-qorti; jew, fin-nuqqas ta' dan,

(c) li tiegħu ż-żewġ konjuġi jkunu ċittadini fiż-żmien li jinġieb il-każ quddiem il-Qorti; jew, fin-nuqqas ta' dan,

(d) fejn jinġieb il-każ quddiem il-Qorti."

5. L-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament, intitolat "Applikazzjoni tal-liġi tal-forum", jipprevedi:

"Fejn il-liġi applikabbli taħt l-Artikolu 5 jew l-Artikolu 8 ma tipprevedix id-divorzju jew ma tagħtix lil wieħed mill-konjuġi aċċess indaqs għad-divorzju jew għas-separazzjoni legali minħabba s-sess tagħhom, għandha tapplika l-liġi tal-forum."

6. L-Artikolu 12 ta' dan ir-regolament, intitolat "Ordni pubbliku", jipprevedi dan li ġej:

"L-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tal-liġi magħżula permezz ta' dan ir-Regolament tista' tiġi miċħuda biss fejn tali applikazzjoni tkun manifestament inkompatibbli mal-ordni pubbliku tal-forum."

### *B. Id-dritt Rumen*

7. Skont l-Artikolu 2600(2) u (3) tal-Kodiċi Ċivili Rumen:

"2) Meta l-liġi barranija ddeterminata b'dan il-mod ma tippermettix id-divorzju, jew tippermettih biss f'ċirkustanzi estremament limitati, il-liġi Rumena għandha tapplika meta wieħed mill-konjuġi jkollu, fid-data tat-talba għal divorzju, in-nazzjonalità Rumena jew ikollu r-residenza abitwali tiegħu fir-Rumanija.

3) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 għandhom japplikaw ukoll fil-każ li d-divorzju jkun irregolat mil-liġi magħżula mill-konjuġi."

## II. Il-fatti li taw lok għat-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domanda magħmula għal deċiżjoni preliminari

8. JE u KF iżżewġu f'Iași, ir-Rumanija, fit-2 ta' Settembru 2001 u din ir-relazzjoni ħolqot wild, imwieled f'Verona, l-Italja, fit-23 ta' Ġunju 2005.

9. JE ressaq azzjoni quddiem il-Judecătoria Iași (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Iași, ir-Rumanija) fit-13 ta' Ottubru 2016, intiża sabiex jitlob id-divorzju minn ma' KF.

10. Permezz ta’ sentenza f’materji ċivili tal-31 ta’ Mejju 2017, din il-qorti rrifjutat il-ġurisdizzjoni sabiex tisma’ t-tilwima favur il-Judecătoria Sectorului 5 București (il-Qorti tal-Ewwel Istanza, il-Ħames Distrett ta’ Bukarest, ir-Rumanija), fejn il-kawża ġiet irreġistrata fid-9 ta’ Awwissu 2017.

11. Permezz ta’ sentenza f’materji ċivili tal-20 ta’ Frar 2018, il-qorti msemmija hawn fuq stabbilixxiet il-ġurisdizzjoni ġenerali tal-qrati Rumeni fir-rigward tal-proċeduri ta’ divorzju inkwistjoni skont l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament Nru 2201/2003. Barra minn hekk, hija stabbilixxiet li l-liġi applikabbli għat-tilwima kienet il-liġi Taljana, skont l-Artikolu 8(a) tar-Regolament Nru 1259/2010, peress li – fid-data li fiha l-qorti ġiet adita b’talba għal divorzju – il-partijiet kellhom ir-residenza abitwali tagħhom fl-Italja (il-partijiet irrisjedew fl-Italja għal żmien kunsiderevoli).

12. F’dan ir-rigward, il-Judecătoria Sectorului 5 București indikat li, skont id-dritt Taljan, talba għal divorzju bħal dik imressqa minn JE tista’ ssir biss fejn kien hemm separazzjoni legali stabbilita jew ordnata minn qorti, u mill-inqas tliet snin għandhom ikunu għaddew bejn is-separazzjoni legali u l-mument li fih il-qorti ġiet adita b’talba għal divorzju.

13. Peress li ma kienx ġie pprovat li deċiżjoni ta’ qorti kienet ittieħdet sabiex issir is-separazzjoni legali tal-partijiet u peress li l-liġi Rumena ma tipprevedix proċeduri għas-separazzjoni legali, il-qorti msemmija hawn fuq iddeċidiet li dawn il-proċeduri kellhom jitmexxew quddiem il-qrati Taljani u, konsegwentement, kwalunkwe talba f’dan is-sens magħmula quddiem il-qrati Rumeni kienet inammissibbli.

14. JE appella minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju, fejn sostna li l-qorti tal-ewwel istanza kellha tapplika l-Artikolu 2600(2) tal-Kodiċi Ċivili Rumen, li “jikkostitwixxi t-traspożizzjoni fid-dritt Rumen tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1259/2010”.

15. JE invoka wkoll l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1259/2010, billi sostna li l-applikazzjoni tad-dritt Taljan hija manifestament inkompatibbli mal-ordni pubbliku tal-forum li għandu ġurisdizzjoni, u għalhekk tirrendi neċessarju li tiġi eskluża l-applikazzjoni tal-liġi barranija normalment applikabbli u li tiġi applikata l-liġi Rumena dwar id-divorzju.

16. Huwa f’dawn iċ-ċirkustanzi li t-Tribunalul București (il-Qorti tal-Muniċipalità ta’ Bukarest, ir-Rumanija) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

“Talba għal interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1259/2010, li jipprevedi li [‘f]ejn il-liġi applikabbli taħt l-Artikolu 5 jew l-Artikolu 8 ma tipprevedix id-divorzju jew ma tagħtix lil wieħed mill-konjuġi aċċess indaqs għad-divorzju jew għas-separazzjoni legali minħabba s-sess tagħhom, għandha tapplika l-liġi tal-forum’, intiża sabiex jiġi ddeterminat jekk il-frażi ‘il-liġi applikabbli taħt l-Artikolu 5 jew l-Artikolu 8 ma tipprevedix id-divorzju’: għandhiex tiġi interpretata b’mod restrittiv u litterali, jiġifieri bħala li tirrigwarda biss is-sitwazzjonijiet li fihom il-liġi barranija applikabbli ma tkun tipprevedi l-ebda forma ta’ divorzju, jew inkella jekk għandiex tiġi interpretata b’mod iktar wiesa’, fis-sens li tinkludi wkoll is-sitwazzjonijiet li fihom il-liġi barranija applikabbli tipprevedi d-divorzju, iżda biss taħt kundizzjonijiet estremament restrittivi, li timplika proċedura obbligatorja ta’ separazzjoni personali qabel id-divorzju, proċedura li fir-rigward tagħha il-liġi tal-forum ma tipprovdix dispożizzjonijiet proċedurali ekwivalenti.”

17. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-Gvern Rumen, minn dak Ġermaniż, u minn dak Portugiż kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Il-partijiet ma talbux li jkun hemm smigħ u dan ma nżammx.

## III. Analiżi

### *A. Risposta għad-domanda preliminari*

18. Għandu jiġi osservat li l-partijiet kollha intervenjenti f'din il-proċedura jsostnu li l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1259/2010 għandu jiġi interpretat b'mod *strett*, fis-sens li l-espressjoni "[f]ejn il-liġi applikabbli taħt l-Artikolu 5 jew l-Artikolu 8 ma tipprevedix id-divorzju", li huwa jinkludi, tirrigwarda biss is-sitwazzjonijiet fejn il-liġi barranija applikabbli ma tipprevedix id-divorzju, taħt l-ebda forma; jiġifieri li huwa ma jipprevedix l-istituzzjoni tad-divorzju.

19. F'dawn il-konklużjonijiet, jiena wasalt għall-konklużjoni li din l-interpretazzjoni hija manifestament korretta.

20. L-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1259/2010 jeskludi l-applikazzjoni tal-liġi stabbilita skont l-Artikolu 5 jew l-Artikolu 8 ta' dan ir-regolament f'każijiet fejn, b'mod partikolari, din il-liġi ma tipprevedix id-divorzju (l-ewwel alternattiva li tinsab fl-Artikolu 10, iktar 'il quddiem id-"dispożizzjoni inkwistjoni"). Ma huwiex probabbli li din l-alternattiva tiġi invokata ta' spiss fil-prattika peress li hija tipprova tirrimedja l-każ rari fejn ma jkunx hemm liġi nazzjonali li tirregola d-divorzju (fi ħdan l-Unjoni, Malta kienet l-aħħar Stat Membru li introduċa l-liġi dwar id-divorzju wara referendum li sar fl-2011[7]). Fil-prattika, l-Istati kollha għandhom liġi dwar id-divorzju, bl-eċċezzjoni tal-Filippini u tal-Belt tal-Vatikan, fejn biss l-annullament taż-żwieġ huwa awtorizzat. L-Artikolu 10 jissalvagwardja dritt għad-divorzju u jien nenfasizza li dispożizzjonijiet simili (li wkoll jagħtu dritt għad-divorzju bħala standard minimu) jeżistu wkoll fir-regoli nazzjonali dwar il-kunflitt ta' liġijiet li ispiraw din id-dispożizzjoni[8].

21. Id-domanda tal-qorti tar-rinviju tirriżulta mill-fatt li l-liġi applikabbli għall-kawża fil-proċedura prinċipali hija, skont l-Artikolu 8(a) tar-Regolament Nru 1259/2010, il-liġi Taljana. Skont il-liġi Taljana, id-divorzju jista' jintalab biss fejn is-separazzjoni legali tkun ġiet stabbilita jew ordnata minn qorti minn qabel, filwaqt li l-liġi tal-forum (jiġifieri, il-liġi Rumena) ma tipprevedix tali proċedura.

22. Biex inżid ma' dak li ntqal fil-punt 14 ta' dawn il-konklużjonijiet, nenfasizza li r-Regolament Nru 1259/2010 huwa direttament applikabbli u ma jeżiġix traspożizzjoni jew ekwivalenza fid-dritt nazzjonali. Għaldaqstant, sabiex tiġi ddeterminata l-liġi applikabbli għal talba għal divorzju bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-qrati Rumeni jistgħu japplikaw biss ir-Regolament Nru 1259/2010 u l-qorti tar-rinviju ma għandhiex tirreferi għall-Kodiċi Ċivili Rumen f'dan ir-rigward[9] għaliex ma huwiex rilevanti f'dawn iċ-ċirkustanzi.

23. Il-qorti tar-rinviju tosserva li, skont il-ġurisprudenza nazzjonali, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni f'dan il-każ, fejn il-qrati Rumeni ġew aditi b'talba għal separazzjoni legali jew talba għal divorzju, li ma ġietx ippreċeduta b'separazzjoni legali stabbilita jew ordnata b'mod konformi mal-liġi Taljana, il-qrati Rumeni jiċħdu tali talbiet bħala, rispettivament: (a) inammissibbli (għaliex il-liġi Rumena ma

7 L-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili introdott bl-Att biex jemenda l-Kodiċi Ċivili, Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru 18784 tad-29 ta' Lulju 2011.

8 Ara, pereżempju, għal Spanja: il-punt c tat-tieni sentenza tal-Artikolu 107(2) tal-Código Civil; għall-Ġermanja: it-tieni sentenza tal-Artikolu 17(1) tal-liġi introduttiva tal-Bürgerliches Gesetzbuch (BGB); għall-Italja: l-Artikolu 31(2) tal-legge 31.5.1995, no. 218 – Riforma del sistema italiano di diritto internazionale privato; għall-Belġju: l-Artikolu 55(3) tal-Kodiċi tad-dritt internazzjonali privat tal-2004. Ara Lein, E., f'Calliess, G.-P., *Rome Regulations*: *Commentary*, Second Edition, Kluwer, 2015, 916, Pereira, P., *Rome III*: *la compétence juridictionnelle et la loi applicable en matière matrimoniale*, RMCUE, 2007, p. 394 u Basedow, J., *op. cit.*, p. 148.

9 Bħalma l-qorti tar-rinviju ssemmi fil-punt 15 tad-digriet tar-rinviju (taħt it-titolu "Dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli f'dan il-każ").

tipprevedix proċedura għal separazzjoni legali); (b) prematura (abbażi tal-fatt li qiegħed jintalab divorzju direttament quddiem il-qrati Rumeni, mingħajr ma ngħatat minn qabel separazzjoni legali mill-qrati Taljani); jew (c) infondata, bħal f'dan il-każ (abbażi ta' dawn iż-żewġ motivi kkombinati flimkien [10]).

24. Fi kliem ieħor, il-qorti tar-rinviju tispjega li ostakoli proċedurali (li jirriżultaw mill-assenza ta' proċedura għal separazzjoni legali fid-dritt Rumen) wasslu għal soluzzjonijiet proċedurali f'dawk il-każijiet li ma kinux jippermettu analiżi tas-sustanza ta' dawn it-talbiet.

25. Kif ser nispjega iktar 'il quddiem, id-domanda tal-qorti tar-rinviju għandha tingħata risposta fis-sens li l-ewwel alternattiva li tinsab fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1259/2010 għandha tiġi interpretata b'mod strett.

*1. Il-formulazzjoni u l-istruttura tad-dispożizzjoni inkwistjoni*

26. Il-formulazzjoni tal-ewwel alternattiva tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1259/2010 hija ċara. Il-liġi tal-forum tapplika biss "[f]ejn il-liġi applikabbli taħt l-Artikolu 5 jew l-Artikolu 8 ma tipprevedix id-divorzju" (jiġifieri, fejn koppja miżżewġa ma jkollha l-ebda possibbiltà għal divorzju). Ma hemm xejn li jissuġġerixxi li din l-alternattiva tkun tapplika wkoll fejn il-liġi barranija applikabbli tippermetti d-divorzju, iżda tissuġġettah għal kundizzjonijiet restrittivi (pereżempju, separazzjoni legali minn qabel).

27. Għaldaqstant, il-formulazzjoni "ma tipprevedix id-divorzju" ma tistax tfisser li l-liġi applikabbli "tipprevedi d-divorzju taħt ċerti kundizzjonijiet (sostantivi jew proċedurali)".

28. Fil-fatt, kif il-Kummissjoni enfasizzat, minkejja li l-Istati Membri għandhom ir-regoli proprji tagħhom rigward id-divorzju, il-kundizzjonijiet ivarjaw minn Stat Membru għall-ieħor u huwa ċar li s-sempliċi fatt li l-liġi applikabbli tkun iktar restrittiva (mil-liġi tal-forum) ma jfissirx li hija "ma tipprevedix id-divorzju" għaliex, sakemm il-kundizzjonijiet tagħha jiġu ssodisfatti, id-divorzju jista' jiġi ddikjarat.

29. Mill-formulazzjoni tal-ewwel alternattiva li tinsab fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1259/2010 jirriżulta li din tirreferi biss għall-każijiet fejn il-liġi barranija applikabbli ma tirrikonoxxix sistema legali għad-divorzju [11].

30. Dan huwa kkonfermat permezz tal-premessa 24 ta' dan ir-regolament [12], li tipprevedi li l-liġi tal-qorti adita għandha tapplika biss meta l-liġi applikabbli "ma tipprevedix id-divorzju". Hawnhekk ukoll, ma hemm xejn li jissuġġerixxi li, fid-dawl ta' din il-premessa, l-Artikolu 10 jirrigwarda wkoll is-sitwazzjonijiet fejn id-divorzju huwa awtorizzat, iżda huwa suġġett għal kundizzjonijiet restrittivi.

31. L-ewwel alternattiva li tinsab fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1259/2010 hija r-riżultat tal-applikazzjoni universali tar-regoli tal-Unjoni dwar il-kunflitt ta' liġijiet fil-qasam tad-divorzju u tas-separazzjoni legali, skont l-Artikolu 4 tal-istess regolament: "Il-liġi magħżula minn dan ir-Regolament għandha tapplika irrispettivament milli tkun jew ma tkunx il-liġi ta' Stat Membru parteċipant". Din id-dispożizzjoni tippreżumi li l-"possibbiltà ta' divorzju" hija aspett ġenerali u pożittiv

10 Ir-raġunament tal-qorti tal-ewwel istanza kien jirreferi kemm għall-fatt li l-partijiet ma kinux isseparaw legalment minn qabel bis-saħħa ta' digriet ta' qorti u għall-fatt li tali separazzjoni hija inammissibbli peress li l-ebda dispożizzjoni ma tipprevedi proċedura ta' separazzjoni legali taħt id-dritt Rumen. Ara d-digriet tar-rinviju, punti 14 u 26.

11 Din l-interpretazzjoni hija ġeneralment difiża fil-kummentarji legali. Fil-fatt, ma sibt l-ebda letteratura li ssostni l-interpretazzjoni kuntrarja. Ara, pereżempju, Helms, T., f'Rauscher, T., *Europäisches Zivilprozess- und Kollisionsrecht*: *EuZPR/EuIPR* – Kommentar, Band V, ir-raba' edizzjoni, ottoschmidt, 2016, p. 885. Qiegħed nikkwota letteratura addizzjonali iktar 'il quddiem f'dawn il-konklużjonijiet.

12 Rigward id-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' din il-premessa, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe fil-kawża Sahyouni (C-372/16, EU:C:2017:686, punti 76 u 77) u Lein, E., *op. cit.*, p. 920.

tar-regoli tal-Unjoni dwar il-kunflitt ta' liġijiet fil-qasam tad-divorzju u tas-separazzjoni legali u, *in concreto* tad-dritt internazzjonali tal-familja. Il-*favor divortii* fir-Regolament Nru 1259/2010 huwa msaħħaħ permezz tal-prinċipji tal-awtonomija tal-partijiet u tar-rabta l-iktar mill-qrib mal-partijiet. Dawn ir-regoli tal-Unjoni jeżiġu, biex ngħidu hekk, "dritt effettiv u inevitabbli għad-divorzju" [13].

32. L-interpretazzjoni tiegħi tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1259/2010 hija sostnuta mill-kummentarji legali, li jgħidu li din id-dispożizzjoni tkopri s-sitwazzjoni fejn il-liġi applikabbli taħt l-Artikoli 5 jew 8 ta' dan ir-regolament *ma tirrikonoxxi l-ebda sistema legali għad-divorzju* u fejn id-divorzju sempliċement ma jkunx possibbli. *Għaldaqstant, id-dispożizzjoni ma tkoprix il-każ fejn żwieġ ma jistax jintemm għaliex ċerti prerekwiżiti ma jiġux issodisfatti: pereżempju, fejn il-liġi applikabbli tistabbilixxi motivi stretti għad-divorzju bħar-rekwiżiti ta' perijodu (iktar) twil ta' separazzjoni. Din l-applikazzjoni tal-Artikolu 10 tkun prekluża wkoll fejn il-liġi ta' Stat tistabbilixxi rekwiżiti li huma wisq eżiġenti għad-divorzju* [14].

33. Fejn il-liġi applikabbli, stabbilita taħt l-Artikoli 5 jew 8 tar-Regolament Nru 1259/2010 "ma tipprevedix id-divorzju", l-ewwel alternattiva li tinsab fl-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament tirrimedja din il-lakuna billi tindika l-*lex fori*. Sabiex nagħti eżempju, u b'kuntrast ma' din il-kawża, kieku d-dritt tal-Filippini (li tipprevedi biss s-separazzjoni legali, u mhux id-divorzju) kellu japplika għal proċedura ta' divorzju quddiem il-qorti tar-rinviju, din tal-aħħar tkun tista' ddur għad-dritt Rumen sabiex tiddikjara d-divorzju [15].

34. Naqbel mal-pożizzjoni tal-Gvern Ġermaniż li l-qari ta' dawn id-dispożizzjonijiet flimkien ma' dispożizzjonijiet oħra tar-Regolament Nru 1259/2010 jsaħħaħ l-interpretazzjoni tal-ewwel alternattiva li tinsab fl-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament bħala mhux effettiva meta l-liġi barranija applikabbli tippermetti d-divorzju bil-kundizzjoni ta' separazzjoni legali obbligatorja u minn qabel.

35. Mill-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 1259/2010 jirriżulta li dan ir-regolament japplika għad-divorzju *u* għas-separazzjoni legali. Meta dispożizzjonijiet individwali ta' dan ir-regolament japplikaw (ukoll) għas-separazzjoni legali, dan huwa msemmi b'mod espliċitu fil-formulazzjoni ta' dawn l-artikoli [16].

36. Għalhekk, ir-Regolament Nru 1259/2010 ma jqigħedx is-separazzjoni legali fi rwol minuri. Jekk l-ewwel alternattiva li tinsab fl-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament kellha tapplika wkoll għal sitwazzjonijiet fejn id-divorzju huwa awtorizzat iżda jkun suġġett għal separazzjoni legali minn qabel, ikollna għalhekk nippreżumu li l-leġiżlatur tal-Unjoni kien jilleġiżla b'mod espliċitu f'dan is-sens.

37. F'dan il-każ, il-liġi Taljana, inkwantu l-liġi applikabbli, ma tipprojbixxix id-divorzju; hija sempliċement tissuġġettah għal ċerti rekwiżiti, li huwa fil-kompetenza tagħha fil-qasam tad-dritt sostantiv dwar il-familja. Għaldaqstant, f'dan il-każ, il-liġi applikabbli għandha tiġi stabbilita skont l-Artikoli 5 jew 8 tar-Regolament Nru 1259/2010 u mhux skont l-Artikolu 10 ta' dan.

13 'Ein wirksames und unverzichtbares Grundrecht auf Scheidung' (ara Gruber, U. P., *Scheidung auf Europäisch – die Rom III-Verordnung*, IPRax 2012, p. 391, u de Maizière, N., *Das Europäische Scheidungskollisionsrecht nach der Rom III-Verordnung*, Jenaer Wissenschaftliche Verlagsgesellschaft, 2017, p. 244).

14 Tolani, M., f'Althammer, C., *Brussels IIa [and] Rome III*, Beck, 2019, p. 360.

15 Ara Lein, E., *op. cit.*, p. 919. Għal eżempji oħra, ara Henrich, D., *Zur Parteiautonomie im Europäisierten Internationalen Familienrecht*, f'Verbeke, A.-L., Scherpe, J. M., Declerck, C., Helms, T., u Senaeve, P., *op. cit.*, p. 707.

16 Ara, pereżempju, it-tieni alternattiva li tinsab fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1259/2010 li tirreferi għal sitwazzjonijiet fejn il-liġi applikabbli: "ma tagħtix lil wieħed mill-konjuġi aċċess indaqs għad-divorzju jew *għas-separazzjoni legali* minħabba s-sess tagħhom" (enfasi miżjuda).

*2. Interpretazzjoni fid-dawl tal-istruttura u tal-kuntest tad-dispożizzjoni inkwistjoni*

38. Inqis (kif jagħmel il-Gvern Portugiż) li huwa rilevanti li jsir riferiment ukoll għall-Artikolu 13 u għall-premessa 26 tar-Regolament Nru 1259/2010. Dawn id-dispożizzjonijiet iservu sabiex isostnu l-argument kontra interpretazzjoni tal-espressjoni "ma tipprevedix id-divorzju" fis-sens li l-liġi barranija applikabbli tissuġġettah għal ċerti kundizzjonijiet, iżda jsostnu l-opinjoni li d-dispożizzjoni inkwistjoni tfisser li l-liġi applikabbli ma tipprevedi d-divorzju fl-ebda każ.

39. L-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1259/2010 jipprevedi li l-ebda dispożizzjoni f'dan ir-regolament ma tobbliga lill-qrati ta' Stat Membru parteċipanti li l-liġi tiegħu ma tipprevedix id-divorzju sabiex jiddikjaraw divorzju. Inqis (kif tagħmel il-Kummissjoni) li din id-dispożizzjoni għandha sempliċement valur dikjaratorju, u mhux normattiv. Ir-rilevanza tagħha f'dan il-każ tinsab fl-espressjoni "ma tipprevedix id-divorzju", li tirriproduċi l-formulazzjoni tal-Artikolu 10.

40. L-Artikolu 13 huwa spjegat fil-premessa 26 tar-Regolament Nru 1259/2010. Hija tgħid li "[f]ejn dan ir-Regolament jirriferi għall-fatt li l-liġi tal-Istat Membru parteċipanti, li quddiem il-Qorti tiegħu jinġieb il-każ, ma tipprevedix id-divorzju, dan għandu jiġi interpretat li jfisser li l-liġi ta' dan l-Istat Membru m'għandhiex l-istituzzjoni tad-divorzju".

41. Il-premessa 26 tagħti spjegazzjoni ċara li tmur lil hinn mill-kuntest speċifiku tal-Artikolu 13 dwar l-interpretazzjoni tal-espressjoni "ma tipprevedix id-divorzju". L-ispjegazzjoni f'din il-premessa tapplika wkoll għall-Artikolu 10, li juża l-istess espressjoni.

42. Fil-fatt, il-kummentaturi legali jsostnu li, minkejja li l-premessa 26 tirrigwarda l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1259/2010, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 10 tisfa iktar ċara jekk id-dispożizzjoni tinqara flimkien ma' din il-premessa. Mill-premessa 26 jirriżulta li jekk id-divorzju huwa kunċett magħruf taħt il-liġi applikabbli, iżda ma jkunx disponibbli għall-konjuġi fiċ-ċirkustanzi partikolari tar-relazzjoni tagħhom, l-Artikolu 10 ma japplikax u t-tilwima tista' tiġi evalwata biss taħt l-Artikolu 12 ta' dan ir-regolament [17].

43. Għaldaqstant, l-Artikolu 10 ma jirreferix għal sitwazzjonijiet fejn iż-żwieġ ma jistax jiġi xolt minħabba li ċerti rekwiżiti ma jiġux issodisfatti, pereżempju minħabba li l-prerekwiżiti stretti ma jiġux issodisfatti (bħalma huwa perijodu (iktar) twil ta' separazzjoni impost mil-liġi dwar id-divorzju li hija applikabbli). Barra minn hekk, l-Artikolu 10 ma huwiex applikabbli fejn il-liġi tal-Istat tipprevedi rekwiżiti wisq eżiġenti għal divorzju [18]. Peress li l-istituzzjoni tad-divorzju teżisti fid-dritt Taljan, l-Artikolu 10 ma jistax japplika f'dan il-każ.

*3. Interpretazzjoni storika tad-dispożizzjoni inkwistjoni*

44. Interpretazzjoni storika tfisser li dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-istorja tagħha, b'teħid inkunsiderazzjoni tad-diversi stadji li wasslu għall-adozzjoni tagħha.

17 Lein, E., *op. cit.*, p. 920. Ara wkoll Helms, T., *op. cit.*, p. 885 (b'riferimenti għal letteratura legali oħra li tiddefendi din l-opinjoni fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19 ta' dan ix-xogħol). Ara wkoll Gruber, U. P., *op. cit.*, p. 390.

18 Tolani, M., f'Althammer, C., *Brüssel IIa [und] Rom III*: Kommentar, Beck, 2014, p. 362.

45. Il-proposta inizjali għal regolament li jemenda r-Regolament Nru 2201/2003[19] ma kienet tinkludi l-ebda dispożizzjoni komparabbli mal-Artikolu 10 attwali tar-Regolament Nru 1259/2010. Waqt in-negozjar sussegwenti, diversi Stati Membri ddefendew l-opinjoni li d-divorzju huwa dritt, li għandu jiġi ggarantit fis-sistema legali nazzjonali tagħhom[20]. Peress li ma seta' jintlaħaq l-ebda ftehim fuq din il-proposta, fl-2010 il-Kummissjoni adottat proposta għal regolament tal-Kunsill li jdaħħal fis-seħħ koperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali[21].

46. It-test li sar l-Artikolu 10 kien jinsab preċedentement fil-proposta tal-Kummissjoni tal-2010 bħala l-abbozz tal-Artikolu 5 u l-kontenut tal-artikolu baqa' l-istess fil-proċess leġiżlattiv. Fil-preambolu, ir-raġuni mogħtija sabiex id-dispożizzjoni tiddaħħal kienet sabiex tiġi evitata diskriminazzjoni. Il-premessa 20 tal-proposta kienet tinkludi l-istess formulazzjoni bħall-premessa 24 attwali, iżda ma kienet tinkludi l-ebda riferiment għad-dispożizzjoni ta' ordni pubbliku[22].

47. L-interpretazzjoni storika tikkonferma l-interpretazzjoni stretta tad-dispożizzjoni inkwistjoni li qiegħed niddefendi f'dawn il-konklużjonijiet. Fil-fatt, l-ewwel alternattiva li tinsab fl-Artikolu 10 ġiet introdotta, qabel kollox, fid-dawl tad-dritt Malti (peress li, fiż-żmien tar-redazzjoni tar-regolament, Malta ma kinitx tipprevedi l-għoti ta' divorzju[23]).

48. Kif osserva l-Gvern Portugiż, id-dispożizzjoni inkwistjoni hija l-espressjoni tal-prinċipju *favor divortii*, fis-sens li hija tipprojbixxi l-applikazzjoni ta' liġi sostantiva, li ma tippermettix id-divorzju, anki jekk din il-liġi tkun intgħażlet bi ftehim komuni bejn iż-żewġ konjuġi.

49. Barra minn hekk, la x-xogħol preparatorju u lanqas il-premessa 24 ta' dan ir-regolament ma jinkludu kwalunkwe indikazzjoni li l-Artikolu 10 għandu jkun applikabbli meta l-liġi barranija tipprevedi d-divorzju, iżda tissuġġettah għal kundizzjonijiet restrittivi.

50. Minflok, kif ġie osservat fil-punt 40 ta' dawn il-konklużjonijiet u kif enfasizzat mill-Kummissjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni ċċara, fil-premessa 26 ta' dan ir-regolament, li l-kliem "ma tipprevedix id-divorzju", użat fl-Artikolu 13 u fl-Artikolu 10, għandu jiġi interpretat fil-kuntest tal-Artikolu 10 fis-sens li l-liġi tal-forum tapplika meta l-liġi applikabbli ma tipprevedix l-istituzzjoni tad-divorzju.

*4. L-ispirtu u l-għan tad-dispożizzjoni inkwistjoni*

51. Jien tal-istess fehma bħall-Gvern Ġermaniż u bħall-Gvern Rumen li l-interpretazzjoni stretta tal-ewwel alternattiva li tinsab fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1259/2010 tirriżulta, b'mod partikolari, min-natura ta' deroga ta' din id-dispożizzjoni (jiġifieri, li tidderoga mir-regoli previsti fl-Artikoli 5 u 8 ta' dan ir-regolament) kif ukoll mill-premessi 24 u 26 ta' dan.

52. Għaldaqstant, l-Artikolu 10 ma jagħti lill-qorti li għandha ġurisdizzjoni l-ebda setgħa diskrezzjonali u jippreżentalha alternattiva sempliċi u oġġettiva: jew il-liġi applikabbli tipprevedi l-istituzzjoni tad-divorzju jew le.

53. Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata permezz tal-għanijiet tar-Regolament Nru 1259/2010, li huma espressi b'mod ċar fil-premessi 9 u 29 tiegħu.

19 COM(2006) 399 final.

20 Ara d-dokument tal-Kunsill 8364/07 (Presse 77), p. 11 tal-verżjoni bil-lingwa Ġermaniża.

21 COM(2010) 105/2 final.

22 Ara Lein, E., *op. cit.*, p. 919.

23 Għall-istess interpretazzjoni, ara Helms, T., *op. cit.*, p. 885.

54. Dawn huma intiżi sabiex jarmonizzaw ir-regoli dwar il-kunflitt ta' liġijiet fil-qasam tad-divorzju u tas-separazzjoni legali sabiex tissaħħaħ iċ-ċertezza legali (l-Artikoli 5 u 8 tar-Regolament Nru 1259/2010 jiddefinixxu b'mod ċar liema liġi hija applikabbli għal divorzju jew għal separazzjoni legali), il-prevedibbiltà u l-flessibbiltà filwaqt li jiġi evitat ir-riskju ta' forum shopping (jiġifieri, li titfittex il-qorti l-iktar favorevoli bejn l-Istati Membri) u, għaldaqstant, huma jipprovaw jiffaċilitaw il-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-Unjoni. Il-prevedibbiltà tal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Istati Membri parteċipanti tista' tikkostitwixxi wkoll mezz sabiex jitnaqqas l-inċentiv ta' forum shopping, li kien iffaċilitat bl-għażla wiesgħa ta' istanzi prevista taħt l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 2201/2003.

55. Għandu jiġi enfasizzat, kif għamlet il-Kummissjoni, li permezz tal-adozzjoni ta' regoli komuni dwar il-kunflitt ta' liġijiet, l-Istati Membri parteċipanti aċċettaw il-prinċipju li l-qrati tagħhom jistgħu jkunu obbligati japplikaw liġi barranija minkejja d-differenzi li din tista' tippreżenta meta mqabbla mal-liġi nazzjonali tagħhom, u, li l-uniċi eċċezzjonijiet minn dan il-prinċipju huma dawk previsti fl-Artikoli 10, 12 u 13 tar-Regolament Nru 1259/2010. Għaldaqstant, il-possibbiltà li tiġi applikata l-liġi tal-forum, kif prevista fl-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament, tikkostitwixxi *eċċezzjoni* minn dan il-prinċipju li għandha, inkwantu tali, tiġi interpretata b'mod strett [24].

56. B'mod differenti, interpretazzjoni wiesgħa tad-dispożizzjoni inkwistjoni, kif prevista fid-domanda preliminari, iġġib fix-xejn l-awtonomija tal-konjuġi fir-rigward tad-divorzju tas-separazzjoni legali (prevista taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament) u tipprekludi l-applikazzjoni (skont l-Artikolu 8 tar-Regolament, fl-assenza ta' għażla mill-partijiet) tal-liġi li hija marbuta l-iktar mill-qrib magħhom.

57. L-interpretazzjoni wiesgħa tmur ukoll kontra l-għan tar-Regolament li jipprovdi ċertezza legali liċ-ċittadini u għandha mnejn tinkoraġġixxi l-forum shopping, peress li l-parti li titlob id-divorzju tkun tista' tressaq talba quddiem il-qrati ta' Stat Membru fejn il-liġi tipprevedi kundizzjonijiet inqas restrittivi għall-għoti tad-divorzju. Fil-fatt, hija tikkomprometti wkoll l-għan ta' prevedibbiltà mixtieq mir-Regolament sa fejn hija tkun titlob analiżi ta' każ b'każ tal-kundizzjonijiet li fihom ikun jista' jingħata divorzju skont il-liġi applikabbli u evalwazzjoni suġġettiva ta' sa fejn dawn il-kundizzjonijiet jistgħu jiġu kklassifikati bħala restrittivi.

58. Barra minn hekk, kif osserva l-Gvern Ġermaniż, id-divorzju li huwa awtorizzat biss taħt ċerti kundizzjonijiet jikkostitwixxi, fil-prinċipju, ir-regola pjuttost milli l-eċċezzjoni u, f'dan il-każ, il-kundizzjonijiet previsti mil-liġi Taljana huma, fil-fehma tiegħi, mhux tant restrittivi li jirrendu impossibbli l-ksib ta' divorzju fil-prattika.

### *B. Konsegwenzi tar-risposta għad-domanda preliminari*

59. B'teħid inkunsiderazzjoni: (i) tal-fatt li, fid-domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju tqajjem id-diffikultà li d-dritt Rumen ma jirrikonoxxix il-kunċett ta' separazzjoni legali u, għaldaqstant, ma jinkludix ċerti dispożizzjonijiet proċedurali applikabbli għal tali proċeduri; (ii) tal-approċċ tal-qrati Rumeni msemmi fil-punt 23 ta' dawn il-konklużjonijiet; u (iii) sabiex tingħata risposta kompleta u utli lill-qorti tar-rinviju, inqis li huwa neċessarju li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti wkoll gwida dwar il-konsegwenzi tar-risposta proposta għad-domanda preliminari.

60. Inqis li, "sabiex il-qorti nazzjonali tingħata risposta xierqa [u utli] għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dritt [tal-Unjoni] fit-tilwima mressqa quddiemha" [25], għandha tiġi eżaminata l-kwistjoni dwar sa fejn il-qorti tar-rinviju għandha tapplika l-liġi Taljana dwar id-divorzju, jekk din tal-aħħar teżiġi separazzjoni legali obbligatorja, proċedura li għaliha la teżisti dispożizzjoni u lanqas miżura ekwivalenti fid-dritt Rumen.

24 Ara, pereżempju, is-sentenza tas-6 ta' Ġunju 2019 fil-kawża Weil (C-361/18, EU:C:2019:473, punt 43).
25 Sentenza tat-28 ta' Ġunju 1978, Simmenthal (70/77, EU:C:1978:139, punt 57).

61. Fil-fatt, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tipprovdi lill-qorti nazzjonali bl-“elementi kollha ta’ intepretazzjoni li jistgħu jkunu utli sabiex tiġi deċiża l-kawża li biha hija adita, irrispettivament minn jekk din il-qorti rreferietx għalihom fid-domandi tagħha”[26].

62. Qabel kollox, skont it-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tar-Regolament Nru 2201/2003, meta l-qorti ta’ Stat Membru tkun adita b’talba għal divorzju, hija ma tistax tirrifjuta l-ġurisdizzjoni (b’mod differenti minn qorti adita fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri, li għandha setgħa diskrezzjonali sabiex tindirizza l-qrati ta’ Stat Membru ieħor, skont l-Artikolu 15 ta’ dan ir-regolament) u għandha tiddeċiedi dwar din it-talba għal divorzju.

63. Naqbel mal-opinjoni tal-Gvern Ġermaniż li l-Istati Membri parteċipanti fil-kooperazzjoni msaħħa implimentata permezz tar-Regolament Nru 1259/2010 għandhom jiżguraw li kemm id-divorzju kif ukoll is-separazzjoni legali jistgħu jingħataw mill-qrati tagħhom. Għaldaqstant, minflok ma jqisu li s-separazzjoni legali għandha qabel kollox tiġi stabbilita jew ordnata mill-qrati Taljani, il-qrati Rumeni għandhom, kif nifhimha jien, jippermettu tali proċedura u japplikaw, b’analoġija, ir-regoli proċedurali nazzjonali rigward id-divorzji jew saħansitra jadattaw ir-regoli proċedurali barranin (Taljani) rigward is-separazzjoni legali (flimkien mar-regoli nazzjonali Rumeni). Fin-nuqqas ta’ dan, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1259/2010 jkunu parzjalment ineffettivi.

64. L-ewwel nett, is-separazzjoni legali tikkostitwixxi element ċentrali tar-Regolament Nru 1259/2010 u, it-tieni, ma hemm xejn mhux tas-soltu fil-fatt li qorti tintalab, skont il-liġi applikabbli taħt dan ir-regolament, tiddeċiedi dwar separazzjoni legali. Għalhekk il-qorti tar-rinviju ma tistax tirrifjuta li tiddeċiedi dwar it-talba fil-kawża prinċipali abbażi tal-Artikolu 12 tar-regolament imsemmi hawn fuq (li huwa rriżervat għal każijiet eċċezzjonali[27]) għar-raġuni li l-liġi nazzjonali tagħha ma tipprevedix is-separazzjoni legali jew regoli proċedurali għas-separazzjoni legali.

65. Bħala soluzzjoni konkreta f’dan il-każ, il-Kummissjoni pproponiet li l-qorti adita tapplika l-kundizzjonijiet sostantivi previsti mil-liġi applikabbli u tirrinunzja l-applikazzjoni ta’ kwalunkwe kundizzjoni proċedurali prevista minn din il-liġi, f’ċirkustanzi fejn il-liġi proċedurali tal-forum ma tippermettix li dawn il-kundizzjonijiet proċedurali jiġu ssodisfatti. Għaldaqstant, jekk, f’każ speċifiku, il-kundizzjonijiet sostantivi għal digriet ta’ separazzjoni legali jiġu ssodisfatti, il-qorti tal-forum tista’ tirrimedja l-fatt li din il-qorti ma tistax hija nnifisha tagħti tali digriet billi tirrinunzja għal din il-kundizzjoni proċedurali barranija.

66. Jien naqbel. Fil-fehma tiegħi, tali soluzzjoni tkun ibbilanċjata u tkun tikkorrispondi mal-intenzjoni impliċita tal-leġiżlatur tal-Unjoni. L-ewwel nett, ma tkunx tinkoraġġixxi b’mod indebitu l-forum shopping, għaliex tkun teżiġi li l-kundizzjonijiet sostantivi tal-liġi applikabbli jiġu ssodisfatti. L-applikant ma jkunx jista’ jevita dawn il-kundizzjonijiet billi jadixxi qorti oħra taħt ir-regoli ġenerużi ħafna tar-Regolament Nru 2201/2003 u billi jitlob li d-dritt proprju tagħha jiġi applikat (il-partijiet jistgħu jevitaw dawn il-kundizzjonijiet pjuttost faċilment jekk huma jaqblu dwar l-għażla tal-liġi tal-forum).

67. It-tieni, din is-soluzzjoni tkun konsistenti mal-prinċipju fundamentali fil-qasam tal-kunflitt tal-liġijiet skont liema kwistjoni proċedurali taqa’ taħt il-liġi tal-forum. Dan il-prinċipju huwa rifless fil-prinċipju tad-dritt tal-Unjoni li jgħid li, sakemm ma jkunx indikat b’differenti, il-proċeduri huma indirizzati lill-qrati u lill-awtoritajiet li jkunu qegħdin jittrattaw kawża, suġġett għall-prinċipji ta’ ekwivalenza u ta’ effettività[28].

26 Sentenza tad-29 ta’ Settembru 2016, Essent Belgium (C-492/14, EU:C:2016:732, punt 43).

27 Ara l-premessa 25 tar-Regolament Nru 1259/2010.

28 Ara s-sentenza tas-7 ta’ Ġunju 2007, van de Weerd *et* (C-222/05 sa C-225/05, EU:C:2007:318, ara, b’mod partikolari, il-punt 28).

68. Fil-fatt, f'diversi strumenti legali reċenti, il-leġiżlatur tal-Unjoni ġie kkonfrontat bil-kwistjoni dwar x'inhu l-aħjar mod kif għandha tiġi ggarantita l-osservanza tas-sustanza ta*l-liġi applikabbli fl-Istat tal-forum*, anki fejn il-liġi ta' dan tal-aħħar ma jkollha l-ebda kunċett (sostantiv) ekwivalenti fid-dritt. Dawn l-istrumenti jipprevedu mekkaniżmi għall-adattament tad-dritt nazzjonali sostantiv u proċedurali sabiex jiġi ggarantit ir-riżultat korrett taħt il-liġi applikabbli. Jista' jsir riferiment, pereżempju, għar-regoli dwar il-liġi applikabbli fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 [29], dwar l-adattament tad-drittijiet *in rem* (Artikolu 31), il-ħatra u s-setgħat ta' amministratur ta' suċċessjoni f'ċerti sitwazzjonijiet (Artikolu 29), kif ukoll fir-Regolament (UE) Nru 2016/1103 [30] u fir-Regolament (UE) Nru 2016/1104 [31], dwar l-adattament tad-drittijiet *in rem* (Artikolu 29).

69. Filwaqt li r-Regolament Nru 1259/2010 ma jipprevedix b'mod speċifiku għal tali adattament, huwa lanqas ma jipprojbixxih b'mod espliċitu.

## IV. Konklużjoni

70. Għal dawn ir-raġunijiet, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi għad-domanda preliminari magħmula mit-Tribunalul București (il-Qorti tal-Muniċipalità ta' Bukarest, ir-Rumanija) kif ġej:

L-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1259/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali għandu jiġi interpretat fis-sens li l-espressjoni "[f]ejn il-liġi applikabbli taħt l-Artikolu 5 jew l-Artikolu 8 ma tipprevedix id-divorzju" hija applikabbli biss fejn il-liġi barranija applikabbli ma tipprevedi l-ebda forma ta' divorzju; fi kliem ieħor, hija *ma tirrikonoxxix l-istituzzjoni tad-divorzju.*

Madankollu, meta l-liġi applikabbli tistabbilixxi kundizzjoni li tirriżulta mid-dritt proċedurali tagħha — kundizzjoni li l-qorti adita ma tistax tapplika minħabba l-limitazzjonijiet imposti mid-dritt proċedurali tagħha — il-qorti adita tista' tirrinunzja għal din il-kundizzjoni jekk il-kundizzjonijiet previsti fid-dritt sostantiv tal-*lex causae* jkunu ssodisfatti fil-kawża quddiemha.

F'dan il-każ, il-qorti adita ma hijiex mitluba, permezz ta' proċedura separata, li tirrikonoxxi s-separazzjoni legali tal-partijiet matul perijodu ta' tliet snin qabel id-divorzju. Hija għandha, madankollu, tikkonferma fid-deċiżjoni tagħha fil-proċedura tad-divorzju li din il-kundizzjoni ta' separazzjoni legali ġiet issodisfatta. Sabiex tikseb prova tal-osservanza ta' din il-kundizzjoni, il-qorti adita għandha, sa fejn huwa neċessarju, tadatta l-liġi proċedurali tal-forum.

29 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (ĠU 2012, L 201, p. 107, rettifiki fil-ĠU 2012, L 344, p. 3, u fil-ĠU 2013, L 60, p. 140).

30 Regolament tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2016 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet f'materji ta' reġimi ta' proprjetà matrimonjali (ĠU 2016, L 183, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2017, L 113, p. 62 u fil-ĠU 2018, L 167, p. 36).

31 Regolament tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2016 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet f'materji tal-konsegwenzi patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati (ĠU 2016, L 183, p. 30, rettifika fil-ĠU 2017, L 113, p. 62).